# IS-SAJF



Wasal is-sajf, xi pjaċir
Il-ħin narah itir
Neħles ħelsa mill-pitazzi
Għax issa qiegħed bil-vaganzi.



Spiss immur sal-bajja
U nindilek minn wiċċi sa saqajja
Fuq dekċer noqogħod nixxemmex
Bla biża' li nitkemmex.

Minħabba x-xemx nilbes kappell
U noqogħod dejjem fid-dell
Bir-ramel nagħmel kastell
Fuq il-blat nistad għall-imsell.





Il-festa tar-raħal jien immur
Mat-toroq imżejnin noqgħod indur
Nammira l-bandalori kull kulur
U l-banda nisma' żgur.

Filgħaxija nippassiġġa x-xatt
Niekol spiss xi ġelat
Barbikju kull nhar ta' Ħadd
Nixtieq li s-Sajf ma jgħaddi qatt.



# IS-SAJF

**Aqra s-sentenzi sew. Pinġi l-affarijiet li hemm neqsin sabiex l-istampa tkun kompluta.**



1. Fis-sema hemm ix-xemx.
2. It-tfal qed jagħmlu kastell bir-ramel.
3. It-tfal qegħdin taħt umbrella kbira.
4. Ħdejn il-baħar hemm ballun u barmil.
5. It-tfal lebsin beritta.
6. It-tifel li qed jixxemmex liebes nuċċali tax-xemx.

Pinġi u ikteb dwar żewġ affarijiet li tħobb tagħmel inti fis-sajf.

Moħbijin hawn disa' (9) kelmiet relatati mas-sajf.
Ara ssibhomx.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| b | a | r | m | i | l | q | w | e | b | r | b |
| a | o | p | i | k | s | d | s | k | a | n | a |
| l | m | r | a | m | e | l | a | a | r | t | j |
| l | n | h | g | l | p | p | ż | s | b | x | j |
| u | m | b | r | e | l | l | a | t | i | e | a |
| n | ċ | ġ | f | g | h | q | w | e | k | m | ie |
| d | e | k | ċ | e | r | s | d | l | j | x | j |
| ħ | z | a | f | e | s | t | i | l | u | b | k |